# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**għaxra (10) ta' Marzu 2020**

**Rikors Numru 1102/19 FDP**

Fl-ismijiet

**Koperattiva ta' min irabbi l-Majjal Limited**
**(Coop No 18)**

**Vs**

**John Fenech**
**(ID 183259M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 15 ta' Novembru 2019, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *ILLI għal numru ta' snin l-intimat kien membru tal-koperattiva attriċi u saħansitra membru tal-kumitat tal-istess koperattiva.*

    2. *ILLI fl-2013 il-membri tal-koperattiva attriċi iffirmaw kuntratt magħha li kellu jibqa' validu sal-1 ta' Jannar 2016, iżda dawn il-kuntratti ġew xolti waqt laqgħa għall-membri tas-6 ta' Marzu 2015 meta l-intimat John Fenech mhux biss kien membru tal-koperattiva imma wkoll membru fuq il-kumitat tagħha.*

    3. *ILLI sussegwentement l-istess John Fenech beda jbiegħ il-prodott tiegħu lil terzi bi ksur tal-istatut tal-koperattiva, u meta dan ġie mwissi jirregola ruħu huwa qabad u rriżenja meta suppost irid javża li jkun ser joħroġ minn membru tal-inqas sena qabel. Imbagħad*

*fil-fatt is-sur Fenech tkeċċa u l-Koperattiva fittxitu għad-danni, liema kawża ma mexxietx minħabba raġunijiet teknikament legali.*

4. *ILLI pero' fil-frattemp John Fenech fetaħ każ fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ, każ numru 4620/2016 fejn talab kumpens talli bħal ma kien qed jiġri mal-produtturi kollha membri tal-KIM Ltd, kienu qed jinqatlulu perċentwal (komuni għall-produtturi kollha) mill-majjali miftehma li jinqatlu. F'dak l-arbitraġġ huwa talab:*

    a. *Dikjarazzjoni li l-Koperattiva intimata naqset ripetutament milli tixtri l-ammont stipulat ta' majjali mingħand ir-rikorrenti.*
    b. *Dikjarazzjoni li konsegwenzjalment ir-rikorrenti huwa intitolat għall-penali komminata fil-klawsola 5A tal-kuntratt tal-5 ta' Diċembru 2013.*
    c. *Likwidazzjoni tal-penali spettanti lir-rikorrenti mingħand il-Koperattiva intimata occorrendo previa l-opera ta' periti nominandi.*
    d. *Kundanna kontra l-Koperattiva intimata għall-ħlas tal-penali likwidata favur ir-rikorrenti.*
    e. *Kundanna għall-ħlas tal-imgħax legali fuq il-penali likwidata.*
    f. *Kundannna kontra l-Koperattiva għall-ħlas tal-ispejjeż tal-preżenti proċeduri.*

5. *ILLI f'ebda stadju ta' dawk il-proċeduri ma John Fenech talab li jiġi dikjarat li x-xoljiment tal-kuntratt tiegħu u tal-produtturi kollha li seħħ fis-6 ta' Marzu 2015 kien wieħed null, tant li anke fil-ġbir tal-provi huwa dejjem rrestrinġa l-provi għal dak li kien qed jiġri qabel is-6 ta' Marzu 2015.*

6. *ILLI madankollu f'għeluq il-każ, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu John Fenech svijja lill-Arbitru meta indika l-provi li huwa ressaq għall-perjodu mill-l ta' Jannar 2014 sa Marzu 2015 bħala provi li kienu jirreferu għall-perjodu mill-l ta' Jannar 2014 sal-1 ta' Jannar 2016, biex b'hekk inganna lill-Arbitru u ffroda lill-koperattiva attriċi.*

7. *ILLI l-Arbitru ħa din l-imbekkata u fid-deċiżjoni, ossia fil-lodo tiegħu, għadda biex qies ix-xoljiment tal-kuntratti bħala invalidu u skartah, imbagħad għadda biex iddeċieda fuq il-kumplament tal-perjodu tal-kuntratt mingħajr anqas biss inġiebu ebda provi dwaru.*

8. *ILLI skond l-istess kuntratti in kwestjoni (klawsola 7 C), nuqqas ta' qbil dwar kwalunkwe punt ta' dak il-ftehim kellu jiġi riżolt b'arbitraġġ skond il-liġi tal-arbitraġġi, u li d-deċiżjoni tal-Arbitru tkun waħda inappellabli.*

9. *ILLI għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Premess li l-konvenut inganna lill-Arbitru fl-Arbitraġġ numru 4620/2016 u premess li bid-deċiżjoni ta' dak l-Arbitraġġ huwa ġie dikjarat li għandu jieħu aktar mill-jista' jistħoqqlu.*

*Premess li l-Arbitru fl-imsemmi każ mar ultra petita fid-deċiżjoni li jqis ix-xoljiment tal-kuntratt imsemmi bħala invalidu, oltre aġixxa lil hinn mill-kompetenza tiegħu in kwantu tali xoljiment ma kienx jikkostitwixxi "punt ta' dak il-ftehim";*

*Għaldaqstant l-atturi jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(1) Tiddikjara li l-Arbitru ma kellux kompetenza rationae materiae jiddeċiedi fil-lodo tiegħu li x-xoljiment tal-kuntratt ta' bejn il-partijiet datat 5 ta' Diċembru 2013 li seħħ fis-6 ta' Marzu 2015 li kien invalidu u ma jgħoddx.*

*(2) Tiddikjara li l-Arbitru ma intlabx jannulla x-xoljiment tal-kuntratti tal-produtturi membri tal-KIM Ltd li seħħ fis-6 ta' Marzu 2015, u għalhekk id-deċiżjoni tal-istetss Arbitru li jqisu tali xoljiment bħala invalidu kienet ultra petita.*

*(3) Tiddikjara li per konsegwenza d-deċiżjoni ossia award ossia lodo mogħti fl-Arbitraġġ numru 4620/2016 huwa null u bla effett, u għalhekk ma jistax jiġi enforzat.*

*(4) Subordinarjament tiddikjara li d-deċiżjoni ossia l-award ossia l-lodo mogħti fl-Arbitraġġ numru 4620/2016 kien milqut bi żball, ħtija tal-inkorrettezza u/jew ingann da parti tal-intimat John Fenech, u għalhekk mhuwiex korrett u ma jistax jiġi enforzat.*

*(5) Subordinarjament tiddikjara li John Fenech m'għandux dritt jirċievi l-kumpens dikjarat permezz tal-Arbitraġġ numru 4620/2016, u l-ħlas in eżekuzzjoni ta' dik id-deċiżjoni jikkostitwixxi arrikkiment inġust.*

*(6) Subordinarjament tiddikjara li l-koperattiva attriċi sofriet danni frott l-inkorrettezza u/jew ingann da parti tal-intimat waqt l-imsemmija proċeduri.*

*(7) Tillikwida dawk id-danni, u jekk ikun il-każ dak ir-rimbors li l-koperattiva attriċi għandha dritt tirċievi mingħand l-intimat.*

*(8) Tordna lill-intimat iħallas lill-koperattiva attriċi dawk id-danni u/jew rimbors hekk likwidati*

2. Illi fil-5 ta' Diċembru 2019, l-intimat ippreżenta d-difiża tiegħu fejn qajjem is-segwenti eċċezzjonijiet:

    1. *Illi preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija nulla, irritwali u inammissibbli billi l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili m'għandha ebda ġurisdizzjoni jew kompetenza sabiex tissindika lodo arbitrali, kif jipprovdu kjarament l-artikoli 69, 69A, 70, 70A u disposizzjonijiet oħrajn ta' l-Att dwar l-Arbitraġġ (Kapitlu 387 tal-liġijiet ta' Malta).*

    2. *Illi bla ħsara għall-premess, it-talbiet attriċi huma f'kull każ pależement infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt, billi ma ġie eżerċitat ebda ingann mill-eċċipjenti, u billi il-lodo mpunjat ma fih u lanqas ma huwa l-konsegwenza ta' ebda żball jew inkorrettezza, u billi t-tribunal arbitrali iddeċieda fil-kompetenza tiegħu, fil-limitu tat-talbiet li kellu quddiemu.*

    3. *Illi bla ħsara għall-premess, il-Koperattiva attriċi ma soffriet ebda dannu jew ħsara u għalhekk it-talbiet tagħha għandhom jiġu lkoll riġettati.*

    *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-liġi.*

3. Rat illi fil-11 ta' Diċembru 2019, ġie deċiż illi jinġiebu provi w issir it-trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni imqajjma mill-intimat.

4. Rat illi fl-4 ta' Marzu 2020, il-partijiet għarrfu lill-Bord illi, għajr għad-dokumentazzjoni ġia ppreżentati mis-soċjeta' rikorrenti, ma għandhomx aktar provi x'iressqu dwar l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, illi saret fl-4 ta' Marzu 2020, wara liema trattazzjoni il-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni għal-lum.

## Konsiderazzjonjiet

6. Jirriżulta, kemm mill-kontenut tar-rikors promotur tas-soċjeta' rikorrenti, kif ukoll mid-dokumentazzjoni minnha mressqa, illi l-intimat John Fenech ipproċeda kontra l-Koperattiva rikorrenti permezz ta' Arbitraġġ intavolat abbażi tal-'Ftehim għall-Provvista u Xiri ta' Ħnieżer' datat 5 ta' Diċembru 2013. (fol 7)

7. Jirriżulta illi dana l-Arbitraġġ sar fiċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ, Arbitraġġ Numru 4620/16.

8. Jirriżulta illi fit-30 ta' Settembru 2019, id-deċiżjoni finali tal-Arbitraġġ ingħata fejn ġie konkluż dak li ġej:

> *Għal dawn il-motivi l-Arbitru jiddisponi minn dawn il-proċeduri billi filwaqt li jiċħad il-kontestazzjoni kollha tas-soċjeta' intimata jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u għalhekk [1] jiddikkjara li l-Koperattiva intimata naqset ripetutament milli tixtri l-ammonti stipulati ta' majjali mingħand ir-rikorrenti ai termini tal-ftehim iffirmat bejn il-kontraenti u li ġġib id-data tal-5 ta' Diċembru 2013 u dan fil-kwantita' ta' elf u mitt {1,100} ħanżir, [2] jiddikkjara li konsegwentement ir-rikorrenti huwa intitolat għall-penali stipulata (u mhux sindakabbli mill-Arbitru) fil-klawsola [5] {A} tal-kuntratt tal-5 ta' Diċembru 2013, [3] jillikwida l-istess penali spettanti lir-rikorrenti mingħand il-Koperattiva intimata fis-somma ta' €11,000, [4] jikkundanna lill-Koperattiva intimata għall-ħlas tal-istess penali hawn fuq likwidata favur ir-rikorrrenti, [4] jikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas l-imgħax legali fuq il-penali likwidata b'effett minn meta ġew istitwiti dawn il-proċeduri ossija mill-15 ta' Jannar 2016 sal-ġurnata tal-effettiv pagament.*
>
> *Bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura skond it-taxxa uffiċjali maħruġa miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta li qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata dokument ittra X, kontra l-istess Soċjeta' intimata.*

9. Jirriżulta illi, a tenur tal-ftehim datat 5 ta' Diċembru 2013, id-deċiżjoni arbitrali huwa "*finali u inappellabbli*".

10. Jirriżulta illi, permezz tal-preżenti proċeduri, intavolati fil-15 ta' Novembru 2019, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob, inter alia, sabiex jiddikjara illi l-Arbitru ma kellux l-kompetenza '*rationae materiae*' sabiex jiddeċiedi kif attwalment iddeċieda u għalhekk talab illi d-deċiżjoni tal-Arbitru tiġi annullata stante illi kienet ultra petita.

11. Jirriżulta illi l-intimat, fl-eċċezzjonijet tiegħu, oġġezzjona għal tali talba u qajjem, fost affarijiet, eċċezzjoni preliminari, illi qed tiġi deċiża illum permezz tal-preżenti, fejn stqarr illi dina l-Qorti ma kellha ebda ġuridizzjoni jew kompetenza sabiex tissindika d-deċiżjoni Arbitrali, u dana stante illi l-Artikolu 69, 69A, 79 u 679A tal-Kap 387 illi jirregola l-Arbitraġġi jipprovdu dwar dan.

12. Jirriżulta illi l-partijiet relevanti tal-leġislazzjoni indikata mill-intimat, ossija Kap 387 intitolat Att dwar l-Arbitraġġ, huma s-segwenti:

**Artikolu 69:**

*" .... f'dawk li huma affarijiet regolati b'dan l-Att, ebda qorti ma għandha tintervjeni jew ikollha ġurisdizzjoni f'xi ħaġa bħal dik ħlief meta jkun hekk provdut f'dan l-Att"*

**Artikolu 69A (2):**

*"jistgħu jinbdew proċedimenti kontra deċiżjoni arbitrali mogħtija taħt it-Taqsima IV quddiem il-Qorti tal-Appell permezz ta' rikors jew -*

*(a) b'talba li d-deċiżjoni titwarrab skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 70, jew"*

**Artikolu 70 (1)**

*"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 71, il-Qorti tal-Appell għandha tiddeċiedi li deċiżjoni ma għandhiex tiġi eżerċitata biss jekk –*

*(a) ir-rikorrent iġib provi għas-sodisfazzjon tal-Qorti tal-Appell li –*

....

*(iii) id-deċiżjoni titratta dwar xi tilwima li ma tkunx kontemplata minn jew li ma tidħolx fil-patti li bihom iseħħ l-arbitraġġ, jew ikun fiha konklużjonijiet dwar kwistjonijiet li jmorru 'l hemm mill-iskop li għalih kellu jseħħ dak l-arbitraġġ:*

*Iżda jekk deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet sottomessi għall-arbitraġġ jistgħu jinfirdu minn dawk mhux hekk sottomessi, dik il-parti tad-deċiżjoni li jkun fiha konklużjonijiet dwar kwistjonijiet mhux sottomessi għall-arbitraġġ biss tkun tista' titwarrab;"*

**Artikolu 70 (2)**

*" ... ir-rikors imsemmi fl-artikolu 69A(2) għandu jsir fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifika lir-rikorrenti tad-deċiżjoni skont dan l-Att, u r-rikorrent għandu jinnotifika lill-arbitri u liċ-Ċentru kopja tar-rikors kemm jista' jkun malajr skont kif ikun prattikabbli, iżda mhux iktar tard minn ħmistax-il ġurnata wara l-preżentata tar-rikors."*

13. Jirriżulta illi fir-rikors promotur tagħha, s-soċjeta' rikorrenti talbet illi l-lodo arbitrali kellu jiġi dikjarat null peress illi,

    *"... l-Arbitru fl-imsemmi każ mar ultra petita fid-deċiżjoni li jqis ix-xoljiment tal-kuntratt imsemmi bħala invalidu, oltre aġixxa lil hinn mill-kompetenza tiegħu in kwantu tali xoljiment ma kienx jikkostitwixxi "punt ta' dak il-ftehim";*

14. Jirriżulta li dak mitlub mir-rikorrenti fir-rikors promotur jaqa' fil-parametri ta' dak ipprovdut fl-Artikolu 70 (1) (iii) tal-Kap 387, ossija "*id-deċiżjoni .... ikun fiha konklużjonijiet dwar kwistjonijiet li jmorru 'l hemm mill-iskop li għalih kellu jseħħ dak l-arbitraġġ"*

15. Jirriżulta, għalhekk, illi hija l-Qorti tal-Appell, u mhux il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, il-Qorti kompetenti a tenur tal-Artikolu 69 et seq tal-Kap 387, il-Qorti

kompetenti illi tiddeċiedi jekk deċiżjoni Arbitrali għandhiex tiġi eżerċitata jew le, kif qiegħda titlob is-soċjeta' rikorrenti permezz tar-rikors odjern.

16. Jirriżulta wkoll illi, għalkemm id-deċiżjoni Arbitrali ingħatat fit-30 ta' Settembru 2019, is-soċjeta' rikorrenti kellha żmien ħmistax-il ġurnata minn meta ġiet notifikata bid-deċiżjoni sabiex tagħmel it-talba tagħha biex tattakka d-deċiżjoni arbitrali kif fuq deskritt – il-kawża odjerna saret fil-15 ta' Novembru 2019.

17. Jirriżulta, għalhekk, illi tenut kont tar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex ma għandhiex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni imqajjma mill-intimat, ossija illi dina l-Qorti *"m'għandha ebda ġurisdizzjoni jew kompetenza sabiex tissindika lodo arbitrali, kif jipprovdu kjarament l-artikoli 69, 69A, 70, 70A u disposizzjonijiet oħrajn ta' l-Att dwar l-Arbitraġġ (Kapitlu 387 tal-liġijiet ta' Malta)."*

**Konklużjoni:**

**Il-Qorti**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi;

**Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni imqajjma mill-intimat, u għalhekk,

**Tiddikjara** illi dina l-Qorti m'għandha ebda ġurisdizzjoni jew kompetenza sabiex tissindika lodo arbitrali u dan a tenur tal-Artikolu 69 et seq ta' 1-Att dwar l-Arbitraġġ (Kapitlu 387 tal-liġijiet ta' Malta); u għalhekk,

**Tiċħad** it-talba tas-soċjeta' rikorrenti, kif dedotta.

**Spejjeż** kollha a kariku tas-soċjeta' rikorrenti.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**